MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Numru 1014/2012

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Francesco Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 504894M, akkuzat talli f'Settembru 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorizazzjoni;

1. uza xi computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer

iehor, jew uza , ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhala dawk.
2. ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi sbieha jew b'kull mod iehor li jkun.
3. gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data.

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti. Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat iwiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-liema dikjarazzjoni ta' htija baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata l-Qorti m'ghandiex hlief li issibu hati tal-akkuzi riportati kontra tieghu. Qeghdha b'daqstant tiddikjarah hati.

Rat l-Artikolu 18, 337C(1)(a)(e)(g), 337F u 17(b)(h) u 37 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali netta tal-imputat. Ikkonsidrat id-dokumenti esebiti partikolarment l-istqarrija rilaxxjata minnu. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------